# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 19 ta' Novembru 2001**

**Avviz. numru 13/01**

**Numru 7**

**Sullivan Maritime Limited**

**vs**

**Cauchi Transport Services Ltd**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u tmenin lira Maltin (Lm480.00) rappresentanti servizzi li hija provdiet fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta.

Bl-imghax mid-29 ta' Ottubru 1999 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tal-14 ta' Dicembru 2000 u dawk ta' Lm11.50 ghall-konsult, kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 8 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx fis-7 ta' Novembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm480.00,0 mid-29 ta’ Ottubru 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tal-14 ta’ Dicembru 2000 oltre Lm11.50,0 ghall-konsult imsemmi fl-avviz.

Alan Calleja
Deputat Registratur